



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 9.12.2011
KUMM(2011) 868 finali

2011/0423 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1292/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li joriġinaw fl-Indja

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Din il-proposta tikkonċerna l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea¹ ("ir-Regolament bażiku") fil-proċediment li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li joriġinaw mill-Indja

- **Kuntest ġenerali**

Din il-proposta qiegħda ssir fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku u hija r-riżultat ta' investigazzjoni li twettqet skont ir-rekwiżiti sostantivi u proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku.

Il-miżuri fis-seħħ bħalissa huma dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/2007 (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 1.) fuq importazzjonijiet ta' tertuqa tal-polietilene tereftalat (PET) li joriġinaw mill-Indja, kif emendat l-aħħar mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 469/2011 (ĠU L 129, 17.5.2011, p. 1.).

- **Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

Mhux applikabbli

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U STIMI TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-partijiet interessati kkonċernati mill-proċediment kellhom il-possibbiltà li jiddefendu l-interessi tagħhom matul l-investigazzjoni, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kienx hemm hteġa ta' esperti esterni.

- **Stima tal-impatt**

Din il-proposta hija r-riżultat tal-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku.

Ir-Regolament bażiku ma jipprevedix stima tal-impatt ġenerali iżda jinkludi lista eżawrjenti ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu vvalutati.

¹ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Taqisira tal-azzjoni proposta**

Fid-29 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni tat inizjazzjoni għal investigazzjoni ta' reviżjoni interim parzjali tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tat-tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li joriġinaw mill-Indja, b'kamp ta' applikazzjoni limitat għall-eżami tad-dumping f'dak li jirrigwardja Ester Industries Ltd. ("l-applikant"). Ir-reviżjoni inbdiet minħabba li l-applikant, produttur esportatur fl-Indja, ipprova biżżejjed evidenza *prima facie* li ċ-ċirkustanzi fir-rigward tad-dumping li abbażi tagħhom kienu stabbiliti l-miżuri nbidlu u li dawn il-bidliet huma ta' natura dejjiema.

It-tqabbil tal-valur normali tal-applikant u l-prezz tal-esportazzjoni tiegħu lejn l-UE wera marġni ta' dumping ta' 8,3 % fil-perjodu ta' investigazzjoni ta' reviżjoni, li huwa sinifikament inqas mid-dazju anti-dumping applikabbli bħalissa lill-kumpanija.

L-investigazzjoni wriet ukoll li ċ-ċirkostanzi mibdula li wasslu għall-inizjazzjoni tar-reviżjoni jistgħu jitqiesu b'mod raġonevoli bħala ta' natura dejjiema.

Għaldaqstant huwa propost li l-Kunsill jadotta l-proposta meħmuża għal Regolament biex ir-rata ta' dazju applikabbli għal Ester Industries Ltd. tiġi emendata għal 8,3 %, li għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sa mhux iżjed tard mit-28 ta' Jannar 2012.

- **Bażi ġuridika**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni li ġejja:

Il-forma ta' azzjoni hija deskritta fir-Regolament bażiku msemmi hawn fuq u ma tagħtix lok għal deċiżjoni nazzjonali. L-indikazzjoni ta' kif il-piż finanzjarju u amministrattiv li jaqa' fuq l-Unjoni, il-gvernijiet nazzjonali, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-operaturi ekonomiċi u ċ-ċittadini huwa mminimizzat u proporzjonat meta mqabbel mal-għan tal-proposta, mhijiex applikabbli.

- **L-għażla tal-istrumenti**

Strument propost: Regolament tal-Kunsill.

Mezzi oħrajn ma jkunux xierqa minħabba li r-Regolament bażiku ma jipprevedix għażliet alternattivi.

4. IMPLIKAZZJONI TAL-BAĠIT

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1292/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li joriġinaw fl-Indja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea² ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) u l-Artikolu 11(3), (5) u (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROCĊEDURA

1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri anti-dumping eżistenti

- (1) F'Awwissu 2001, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1676/2001³, il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tat-tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li joriġinaw, *inter alia*, mill-Indja. Il-miżuri kienu jikkonsistu f'dazju anti-dumping *ad valorem* li jvarja bejn 0 % u 62,6 % impost fuq importazzjonijiet mingħand produttori esportaturi msemmija individwalment, b'rata ta' dazju residwu ta' 53,3 % fuq importazzjonijiet mingħand il-kumpaniji l-oħrajn kollha.
- (2) F'Awwissu 2001, il-Kummissjoni aċċettat, permezz tad-Deċiżjoni 2001/645/KE⁴, impenji ta' prezzijiet offruti minn ħames produttori Indjani. L-aċċettazzjoni tal-impenji kienet sussegwentement irtirata⁵ f'Marzu 2006.
- (3) F'Marzu 2006, permezz tar-Regolament (KE) Nru 366/2006⁶, il-Kunsill emenda l-miżuri imposti mir-Regolament (KE) Nru 1676/2001. Id-dazju anti-dumping impost

² ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

³ ĠU L 227, 23.8.2001, p. 1.

⁴ ĠU L 227, 23.8.2001, p. 56.

⁵ ĠU L 68, 8.3.2006, p. 37.

⁶ ĠU L 68, 8.3.2006, p. 6.

varja bejn 0 % u 18 %, wara li tqiesu s-sejbiet tar-reviżjoni ta' skadenza tad-dazji kompensatorji definittivi li huma dettaljati fir-Regolament (KE) Nru 367/2006⁷.

- (4) F'Settembru 2006, bir-Regolament (KE) Nru 1424/2006⁸, fuq talba ta' produttur esportatur ġdid, il-Kunsill emenda r-Regolament (KE) Nru 1676/2001 fir-rigward ta' esportatur Indjan wieħed. Ir-Regolament emendat stabbilixxa marġni ta' dumping ta' 15,5 % għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun u rata ta' dazju anti-dumping ta' 3,5 % għall-kumpanija kkonċernata wara li tqies il-marġni ta' sussidju fuq l-esportazzjoni tal-kumpanija kif ġie aċċertat fl-investigazzjoni kontra s-sussidji li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 367/2006 imsemmi fuq. Billi l-kumpanija ma kellhiex dazju kumpensatorju individwali, ġiet applikata r-rata stabbilita għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.
- (5) F'Novembru 2007, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1292/2007⁹, il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet tat-tertuqa PET li toriġina fl-Indja wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Bl-istess Regolament intemmet reviżjoni *interim* parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, b'kamp ta' applikazzjoni limitat għall-eżami tad-dumping fir-rigward ta' produttur esportatur Indjan wieħed.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 1292/2007 żamm ukoll l-estensjoni tal-miżuri għall-Brażil u l-Iżrael bl-eżenzjoni ta' ċerti kumpaniji. L-aħħar emenda għar-Regolament (KE) Nru 1292/2007 f'dan ir-rigward saret permezz tar-Regolament (UE) Nru 806/2010¹⁰.
- (7) F'Jannar 2009, permezz tar-Regolament (KE) Nru 15/2009¹¹, il-Kunsill, wara reviżjoni *interim* parzjali mibdija mill-Kummissjoni fuq l-inizjattiva tagħha stess fir-rigward tas-sussidju lil ħames produtturi Indjani tat-tertuqa tal-PET, emenda d-dazju definittiv anti-dumping impost fuq dawn il-kumpaniji permezz tar-Regolament (KE) Nru 1292/2007 u d-dazji kompensatorji definittivi imposti fuq dawn il-kumpaniji permezz tar-Regolament (KE) Nru 367/2006.
- (8) F'Mejju 2011, bir-Regolament (KE) Nru 469/2011¹², il-Kunsill emenda r-Regolament (KE) Nru 1292/2007 u b'hekk aġġusta r-rati tad-dazju anti-dumping definittiv fid-dawl tal-iskadenza tad-9 ta' Marzu 2011¹³ tad-dazju kompensatorju impost mir-Regolament (KE) Nru 367/2006.
- (9) L-applikant ta' din ir-reviżjoni interim - Ester Industries Limited - huwa attwalment soġġett għal dazju anti-dumping definittiv ta' 29,3 %.

2. Talba għal reviżjoni interim parzjali

- (10) F'Lulju 2010, il-Kummissjoni rċeviet talba għal reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. It-talba, b'kamp ta' applikazzjoni limitat għall-eżami tad-dumping, tressqet minn Ester Industries Limited, produttur esportatur mill-

⁷ ĠU L 68, 8.3.2006, p. 15.

⁸ ĠU L 270, 29.9.2006, p. 1.

⁹ ĠU L 288, 6.11.2007, p. 1.

¹⁰ ĠU L 242, 15.9.2010.

¹¹ ĠU L 6, 10.1.2009, p. 1.

¹² ĠU L 129, 17.5.2011, p. 1.

¹³ Avviż ta' skadenza, (ĠU C 68, 3.3.2011, p. 6).

Indja ("Ester" jew "l-applikant"). Fit-talba tiegħu, l-applikant sostna li ċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom ġew imposti l-miżuri nbidlu u li dawn il-bidliet huma ta' natura dejjiema. L-applikant ipprova evidenza *prima facie* li t-tkomplija tal-impożizzjoni tal-miżura fil-livell attwali tagħha ma għadhiex meħtieġa biex tagħmel tajjeb għad-dumping inġurjuż.

3. L-inizjazzjoni ta' reviżjoni

- (11) Wara li ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li hemm biżżejjed evidenza li tiġġustifika l-inizjazzjoni ta' reviżjoni interim parzjali, il-Kummissjoni ħabbret permezz ta' notifika ppubblikata fl-29 ta' Ottubru 2010 *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*¹⁴ ("*in-Notifika tal-Inizzazzjoni*") l-inizjazzjoni ta' reviżjoni *interim* parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, b'kamp ta' applikazzjoni limitat għall-eżami tad-dumping fir-rigward tal-applikant.
- (12) In-Notifika tal-Inizjazzjoni ssemmi li r-reviżjoni *interim* parzjali kienet ukoll biex tivvaluta l-ħtieġa, skont is-sejbiet tar-reviżjoni, li tiġi emendata r-rata ta' dazju applikabbli fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat li ma ssemmewx individwalment fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1292/2007, jiġifieri r-rata tad-dazju anti-dumping li tapplika għall-"kumpaniji l-oħra kollha" fl-Indja.

4. L-investigazzjoni

- (13) L-investigazzjoni tal-livell ta' dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2009 sat-30 ta' Settembru 2010 ("il-perjodu tal-investigazzjoni għar-reviżjoni" jew "il-PIR").
- (14) Il-Kummissjoni infurmat uffiċjalment lill-applikant, lill-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur u lill-industrija tal-Unjoni bl-inizjazzjoni tal-investigazzjoni ta' reviżjoni interim parzjali. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu fehmithom bil-miktub u li jinstemgħu.
- (15) Sabiex tikseb l-informazzjoni meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-applikant u rċeviet tweġiba fiż-żmien ta' skadenza stipulat għal dan l-għan.
- (16) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għad-determinazzjoni tad-dumping. Saret żjara ta' verifika fil-bini tal-applikant.

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

1. Il-prodott ikkonċernat

- (17) Il-prodott ikkonċernat f'din ir-reviżjoni huwa l-istess bħal dak definit fir-Regolament (KE) Nru 1292/2007, kif emendat l-aħħar, li jimponi l-miżuri fis-seħħ jiġifieri t-tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET), li toriġina mill-Indja, li bħalissa hija kklassifikata fil-kodiċijiet NM ex 3920 62 19 u ex 3920 62 90.

¹⁴ ĠU C 294, 29.10.2010, p. 10.

2. Il-prodott simili

- (18) Bħal fl-investigazzjonijiet preċedenti, din l-investigazzjoni wriet li t-tertuqa PET prodotta fl-Indja u esportata lejn l-Unjoni u t-tertuqa PET prodotta u mibjugħa domestikament fis-suq Indjan, kif ukoll it-tertuqa PET prodotta u mibjugħa fl-UE mill-produtturi tal-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u l-istess użi bażiċi.
- (19) Dawn il-prodotti għalhekk jitqiesu bħala simili fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. DUMPING

(a) Valur normali

- (20) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-bejgħ domestiku tal-prodott simili tal-applikant lil klijenti indipendenti kienx rappreżentattiv, jiġifieri jekk il-volum totali ta' dan il-bejgħ kienx daqs minn tal-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ ta' esportazzjoni korrispondenti lejn l-Unjoni.
- (21) Il-Kummissjoni mbagħad identifikat dawk it-tipi tal-prodott simili mibjugħa domestikament mill-kumpanija li kienu identiċi jew komparabbli direttament mat-tipi mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.
- (22) Sar eżami ulterjuri fuq jekk il-bejgħ domestiku tal-applikant kienx rappreżentattiv għal kull tip ta' prodott, jiġifieri jekk il-bejgħ domestiku ta' kull tip ta' prodott kienx jikkostitwixxi mill-inqas 5 % tal-volum tal-bejgħ tal-istess tip ta' prodott tal-Unjoni. Fil-każ ta' dawk it-tipi ta' prodotti mibjugħa fi kwantitajiet rappreżentattivi, imbagħad ġie eżaminat jekk dan il-bejgħ sarx f'sitwazzjoni ta' kummerċ normali, skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.
- (23) L-eżami dwar jekk il-bejgħ domestiku ta' kull tip ta' prodott, mibjugħ lokalment fi kwantitajiet rappreżentattivi, jistax jitqies bħala li sar f'sitwazzjoni ta' kummerċ normali, sar billi ġie stabbilit il-proporzjon ta' bejgħ bi profitt lil klijenti indipendenti tat-tip ikkonċernat. Fil-każijiet kollha fejn il-bejgħ domestiku tat-tip ta' prodott partikolari sar fi kwantitajiet suffiċjenti u f'sitwazzjoni ta' kummerċ normali, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku reali, ikkalkulat bħala medja differenzjata tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip li sar matul il-PIR.
- (24) Għat-tipi ta' prodotti li fadal fejn il-bejgħ domestiku ma kienx rappreżentattiv jew ma nbigħux f'sitwazzjoni ta' kummerċ normali, il-valur normali inħadem skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku. Il-valur normali inħadem biż-żieda mal-ispejjeż tal-manifattura tat-tipi esportati, aġġustati fejn meħtieġ, ta' perċentwali raġonevoli għall-ispejjeż ta' bejgħ, ġenerali u amministrattivi u ta' marġni raġonevoli ta' qligħ, fuq il-bażi tad-dejta effettiva relatata mal-produzzjoni u l-bejgħ, f'sitwazzjoni ta' kummerċ normali, tal-prodott simili, mill-produttur esportatur investigat skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku.

(b) Il-prezz tal-esportazzjoni

- (25) Fir-reviżjoni interim preċedenti li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 366/2006, kien iddeterminat li l-impenji tal-prezzijiet influwenzaw il-prezzijiet

tal-esportazzjoni passati u għamluhom inaffidabbli għad-determinazzjoni tal-imgħiba futura tal-esportazzjoni. F'dik ir-reviżjoni interim, peress li Ester kienu qed ibigħu l-prodott ikkonċernat fi kwantitajiet sostanzjali fis-suq dinji, ġie deċiż illi l-prezz għall-esportazzjoni jkun stabbilit abbażi tal-prezzijiet imħallsin realment jew li għandhom jitħallsu lill-pajjiżi terzi kollha.

- (26) Ta' min ifakkar li l-aċċettazzjoni tal-impenji għall-prezzijiet kienet irtirata f'Marzu 2006, jiġifieri iktar minn tliet snin qabel il-PIR attwali. Għalhekk, il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn Unjoni ta' Ester fil-PIR attwali ma kienu influwenzati minn l-ebda impenji tal-prezzijiet. B'hekk jista' jiġi konkluż li jistgħu jitqiesu affidabbli għad-determinazzjoni tal-imgħiba tal-esportazzjoni futura.
- (27) Peress li l-bejgħ kollu tal-esportazzjonijiet tal-applikant lejn l-Unjoni sar direttament lil klijenti indipendenti, il-prezzijiet tal-esportazzjoni ġew stabbiliti abbażi tal-prezzijiet li effettivament tħallsu jew li jistgħu jitħallsu għall-prodott ikkonċernat skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(c) Tqabbil

- (28) It-tqabbil bejn il-valur normali medju differenzjat u l-prezz medju differenzjat tal-esportazzjoni sar fuq il-bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika u fl-istess livell ta' negozju. Sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, tqiesu d-differenzi fil-fatturi li affettwaw il-prezzijiet u t-tqabbil tal-prezz. Għan din il-fini, ingħatat konċessjoni xierqa f'forma ta' aġġustamenti, fejn applikabbli u ġġustifikat, għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, l-assikurazzjoni, l-immaniġġar, it-tagħbija u l-ispejjeż anċillari, il-kummissjonijiet, l-ispejjeż finanzjarji u l-ispejjeż tal-ippakkjar imħallsa mill-applikant.
- (29) L-applikant sostna li meta mqabbel mal-investigazzjoni tar-reviżjoni interim preċedenti, huwa qed joffri lill-klijenti tiegħu varjetà ikbar ta' kisjiet kimiċi u dan l-aspett għandu jitqies meta l-prodott ikkonċernat ikun qed jiġi kklassifikat f'tipi differenti ta' prodotti. Madankollu, il-kumpanija ma wrietx li t-tipi differenti ta' kisjiet kimiċi affettwaw il-komparabilità tal-prezzijiet u, b'mod partikolari, li l-klijenti konsistentement ħallsu prezzijiet differenti fis-suq domestiku u fis-suq tal-esportazzjoni tal-UE skont it-tip ta' kisja kimika. Għalhekk, il-klassifikazzjoni tal-prodott applikat fl-investigazzjonijiet preċedenti għandha tinżamm u l-pretensjoni trid tiġi miċħuda.
- (30) L-applikant talab ukoll aġġustament fil-prezz tal-esportazzjoni, abbażi tal-benefiċċji li ħa mal-esportazzjoni skont l-Iskema ta' Intitolament tad-Dazju tal-Importazzjoni (DEPB) fuq bażi ta' wara l-esportazzjoni. F'dan ir-rigward, instab illi taħt din l-iskema, il-krediti rċevuti meta l-prodott ikkonċernat kien jiġi esportat setgħu jintużaw sabiex ipaċu d-dazji doganali dovuti fuq l-improtazzjoni ta' kwalunkwe prodotti jew setgħu liberament jinbiegħu lil kumpaniji oħra. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda restrizzjoni li l-prodotti importati għandhom jintużaw biss fil-produzzjoni tal-prodott esportat ikkonċernat. Ester ma wrewx li l-benefiċċju taħt l-iskema DEPB affettwat il-komparabilità tal-prezzijiet u, b'mod partikolari, li l-konsumaturi ħallsu konsistentement prezzijiet differenti fis-suq domestiku minħabba l-benefiċċji tal-iskema DEPB. B'hekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

- (31) L-applikant talab ukoll aġġustament fil-prezz tal-esportazzjoni, abbażi tal-benefiċċji li ħa mill-Iskema ta' Promozzjoni tal-Esportazzjonijiet ta' Prodotti Kapitali (EPCG) u mill-Iskema tal-"Krediti tal-Esportazzjoni". F'dan ir-rigward ta' min jinnota li b'mod simili għall-iskemi l-oħra msemmija hawn fuq ma hemm l-ebda restrizzjoni li l-prodotti importati skont l-Iskema EPCG għandha tintuża biss għall-produzzjoni tal-prodott esportat ikkonċernat. It-tieni, l-applikant ma bagħat l-ebda evidenza ta' rabta espliċita bejn il-prezzijiet tal-prodotti esportati u l-benefiċċji li rċieva mill-Iskemi EPCG u tal-"Krediti tal-Esportazzjoni". Fl-aħħar nett, l-applikant ma weriex li l-benefiċċji minn dawn iż-żewġ skemi affettwaw il-komparabilità tal-prezzijiet u, b'mod partikolari, li l-klijenti ħallsu konsistentement prezzijiet differenti fis-suq domestiku minħabba l-benefiċċji tal-Iskemi EPCG u tal-"Krediti tal-Esportazzjoni". Għalhekk, il-pretensjoni trid tiġi miċħuda.

(d) Marġni ta' dumping

- (32) Kif stipulat fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-valur normali medju differenzjat skont it-tip tqabbel mal-prezz tal-esportazzjoni medju differenzjat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat. Wara l-kummenti dwar l-iżvelar stabbiliti fil-premessi (44) u (45) hawn taħt, il-marġni tad-dumping, espress bħala perċentwal tal-prezz CIF fuq il-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huwa ta' 8,3 %.

D. IN-NATURA DEJJIEMA TAĊ-ĊIRKUSTANZI MIBDULA

- (33) Skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat ukoll jekk kienu raġonevoli li jitqies li ċ-ċirkustanzi mibdula huma ta' natura dejjiema.
- (34) F'dan ir-rigward l-investigazzjoni wriet li Ester fil-fatt ħadet għadd ta' miżuri għat-tnaqqis fl-ispejjeż u t-titjib fl-effiċjenza. Notevolment, il-kumpanija mmodernizzat u bniet linja ta' produzzjoni ġdida. Barra minn hekk, minħabba żieda sinifikanti fil-produzzjoni, l-ispejjeż ġenerali naqsu b'mod sostanzjali. Il-kumpanija bdiet ukoll tikseb il-materji primi b'mod iktar effiċjenti (minn post eqreb) u b'hekk rnexxielha tnaqqas konsiderevolment l-ispejjeż tal-merkanzija. Dan it-tnaqqis fl-ispejjeż għandu impatt dirett fuq il-marġni tad-dumping. Din il-bidla fiċ-ċirkostanzi għalhekk tista' titqies bħala waħda li ta' natura dejjiema.
- (35) Fir-rigward tal-prezz tal-esportazzjoni, l-investigazzjoni wriet ċerta stabbiltà fil-politiki tal-prezzijiet ta' Ester tul perjodu twil, bejn l-2006 (is-sena meta l-impenn ġie ritirat) u l-2010 (kważi tmien il-PIR). Minħabba l-bidla fil-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni ta' Ester lejn l-Unjoni kif deskritt fil-premessi (24) u (25) ta' hawn fuq u l-istabilità fil-prezzijiet mesmmija fuq, il-marġni ta' dumping ikkalkulat mill-ġdid x'aktarx li jkun ta' natura dejjiema.
- (36) Għalhekk tqies li ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-inizjazzjoni ta' din ir-reviżjoni *interim* mhumiex probabbli li jinbidlu fil-futur prevedibbli b'mod li jaffettwaw is-sejbiet tar-reviżjoni interim. Għalhekk ġie konkluż li ċ-ċirkostanzi mibdula huma ta' natura dejjiema u li l-applikazzjoni tal-miżura fil-livell attwali tagħha ma għadhiex aktar iġġustifikata.

E. MIŻURI ANTI-DUMPING

- (37) Produttur esportatur sostna li marġni medju ta' dumping tal-kampjun għandu jkun ikkalkulat mill-ġdid, f'każ li r-reviżjoni interim attwali tirriżulta f'marġni ta' dumping iktar baxx għal Ester (li kienet waħda mill-kumpaniji fil-kampjun) minn kif kien stabbilit preċedentement. Ta' min ifakkar li l-kamp ta' applikazzjoni tar-reviżjoni interim parzjali attwali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku huwa limitat espliċitament għar-reviżjoni tal-marġni ta' dumping tal-applikant, esportatur individwali, jiġifieri Ester. Għalhekk, l-investigazzjoni kienet limitata għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-applikant, meta titqies l-evidenza rilevanti u dovutament dokumentata kollha¹⁵. Il-konklużjonijiet milħuqa fuq din il-bażi mhumiex pertinenti għall-kumpaniji l-oħra fil-kampjun u lanqas għall-ebda produttur esportatur ieħor fil-pajjiż ikkonċernat.
- (38) Huwa meqjus li d-determinazzjoni ta' marġni ta' dumping medju għal kampjun ġdid skont l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku f'dawn iċ-ċirkostanzi la huwa legalment possibbli u lanqas ekonomikament xieraq għar-raġunijiet li ġejjin. Tabilħaqq, ta' min ifakkar li jkun hemm rikors għall-kalkolu ta' marġni ta' dumping medju ta' kampjun biss meta, fil-kuntest ta' investigazzjoni partikolari, jitqies li l-għadd ta' esportaturi huwa tant kbir li investigazzjoni individwali tal-esportaturi kollha li jikkooperaw ikun ta' piż żejjed fuq l-Istituzzjonijiet u jipperikola t-tlestija tal-investigazzjoni qabel l-iskadenza obligatorja stipulata fir-Regolament Bażiku. Il-preżunzjoni mbagħad hi li l-komputazzjoni ta' marġni medju differenzjat fuq il-bażi tal-marġni ta' dumping tal-esportaturi fil-kampjun hija rappreżentattiva tal-marġni ta' dumping tal-esportaturi li kkooperaw u li mhumiex fil-kampjun. Dan jista' jkun il-każ biss jekk dan il-kalkolu jsir fuq il-bażi ta' marġni ta' dumping relatati mal-istess perjodu ta' żmien. L-ebda wieħed miċ-ċirkostanzi ta' hawn fuq mhuma preżenti fil-kuntest ta' reviżjoni interim parzjali limitata għal kumpanija waħda li kienet oriġinalment fil-kampjun bħal fl-investigazzjoni attwali. Minħabba f'hekk, il-konklużjoni hi li ċ-ċirkostanzi fattwali tar-reviżjoni *interim* parzjali attwali huma tali li d-dixxiplini tal-Artikolu 9(6) kjarament ma japplikawx.
- (39) Ta' min ifakkar li l-istqarrija fin-Notifika tal-Inizjazzjoni li skontha "jekk ikun iddeterminat li l-miżuri għandhom jitneħħew jew jiġu emendati għall-applikant, jaf ikun hemm bżonn li tiġi emendata r-rata tad-dazju attwali applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati minn kumpaniji oħra fl-Indja" tfisser li, minħabba r-reviżjoni, id-dazju residwu jista' jiżdied biex jevita l-evazzjoni¹⁶. Peress li d-dazju tal-applikant huwa rivedut 'l isfel, id-dispożizzjoni msemmija hawn fuq tan-Notifika tal-Inizjazzjoni mhix rilevanti.
- (40) Fid-dawl tar-raġunijiet deskritti fil-premessi (37) sa (39) hawn fuq, il-pretensjoni li l-marġni ta' dumping medju tal-kampjun għandu jiġi kkalkulat mill-ġdid għandha tiġi miċħuda.

¹⁵ Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2010, EWRIA u Oħrajn kontra l-Kummissjoni, Kawża T-369/08, punt 7 u 79 u l-ġurisprudenza kkwotata fiha.

¹⁶ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 270/2010 tad-29 ta' Marzu 2010 (ĠU L 84, 31.3.2010, p. 13) li jemenda r-Regolament (KE) Nru 452/2007 (ĠU L 109, 26.4.2007, p. 12) li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tat-twavel tal-mogħdija li joriġinaw, *inter alia*, mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina,.

- (41) Il-partijiet interessati kienu infurmati bil-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom kien hemm il-ħsieb li tiġi proposta emenda għar-rata tad-dazju li tapplika għall-applikant u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw.
- (42) L-applikant tenna l-pretensjonijiet tiegħu rigward il-klassifikazzjoni tal-prodott imsemmi fil-premessa (29) kif ukoll il-pretensjonijiet tiegħu li jikkonċernaw aġġustament għall-ħlas lura tad-dazju fuq il-prezz tal-esportazzjoni minħabba l-benefiċċji tad-DEPB, l-EPCG u l-"Krediti tal-Esportazzjoni" kif deskritt fil-premessi (30) u (31). Madankollu, peress li l-ebda elementi ġodda ma ġew ipprovduti li jstgħu jalteraw is-sejbiet tal-Kummissjoni, il-pretensjonijiet kellhom jiġu miċħuda.
- (43) L-applikant ikkontesta ulterjorment il-metodu ta' kalkolu tal-valur tas-CIF ta' dawk it-tranżazzjonijiet li saru fuq bażi tal-FOB. Waqt li tistabbilixxi l-valur CIF ta' unità l-Kummissjoni rrelatat l-ispiża totali tat-trasport imħallsa mill-kumpanija għat-tranżazzjonijiet kollha tal-esportazzjoni inklużi t-tranżazzjonijiet tal-FOB. Il-kumpanija sostniet li l-ispiża totali tat-trasport kellha tkun relatata mat-tranżazzjonijiet CIF biss. Din il-pretensjoni ġiet aċċettata.
- (44) L-applikant finalment sostna li l-bejgħ kollha tal-kampjuni ġew esklużi mid-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping. Din il-pretensjoni ġiet aċċettata wkoll.
- (45) Wara l-investigazzjoni tar-reviżjoni l-marġni ta' dumping rivedut propost u r-rata ta' dazju anti-dumping li tkun applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanufatturat minn Ester Industries Limited jammonta għal 8,3 %,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-annotazzjoni li tikkonċerna lil Ester Industries Limited, fit-tabella fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/2007, għandu jinbidel b'dan li ġej:

Ester Industries Limited, DLF City, Phase II, Sector 25, Gurgaon, Haryana - 122022, L-Indja	8,3	A026
---	-----	------

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President